A.L. 17 ta' l-1985

ATT TA' L-1980 DWAR IL-KONTROLL TAL-PREZZIJIET TAL-BINI

(ATT NRU. XXVI TA' L-1980)

Regolamenti ta' l-1985 dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini (Provi)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 ta' l-Att ta' l-1980 dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini, id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1985 dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini (Provi).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"Att" tfisser l-Att ta' l-1980 dwar il-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini;

"Tribunal" tfisser it-Tribunal għall-Kontroll tal-Prezzijiet tal-Bini mwaqqaf bl-artikolu 9 ta' l-Att.

Produzzjoni ta' dokumenti u lista ta' xhieda.

3. (1) Persuna li tippreżenta rikors jew risposta fit-Tribunal, għandha flimkien mar-rikors jew mar-risposta tippreżenta fir-Reġistru tat-Tribunal:

(a) id-dokumenti kollha fil-pussess tagħha li jkollha l-ħsieb li tagħmel referenza għalihom b'sustenn tal-każ tagħha;

(b) lista tad-dokumenti kollha, li mhux fil-pussess tagħha, iżda li taf li jeżistu, li għalihom ikollha l-ħsieb li tagħmel referenza b'sustenn tal-każ tagħha; u

(ċ) lista tax-xhieda li jkollha l-ħsieb tipproduċi, inkluża t-taħrika tal-parti l-oħra, li tiddikjara dwar kull wieħed minnhom il-prova li jkollha l-ħsieb tistabbilixxi bix-xiehda tagħhom.

(2) Id-dokumenti u l-listi msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandhom jiġu ppreżentati b'nota.

Ebda xhieda oħra ma jistgħu jingħiebu.

4. Ma jista' jingħieb ebda xhud li ismu ma jkunx ingħata fil-lista msemmija fir-regolament 3, kemm-il darba t-Tribunal ma jkunx sodisfatt li x-xhud ma kienx magħruf lill-parti fiż-żmien meta ġie ppreżentat ir-rikors jew ir-risposta, skond il-każ, jew li l-ħtieġa li jingħieb ix-xhud qamet f'xi żmien wara l-preżentata tar-rikors jew tar-risposta, jew kemm-il darba l-parti opposta ma tagħtix il-kunsens tagħha.

Każijiet li fihom hi preskritta l-produzzjoni ta' dokumenti oħra

5. Meta xi dokument ma jingħiebx jew ma jkunx inkluż fil-lista msemmija fir-regolament 3, il-produzzjoni tiegħu titħalla biss:

(a) jekk, minkejja d-diliġenza kollha xierqa, id-dokumenti ma setgħux jingħiebu qabel il-preżentata tar-rikors jew tar-risposta li magħhom kellhom jingħabu, u l-preżentata tar-rikors jew tar-risposta ma setgħetx, bla preġudizzju, titħalla għal aktar tard; jew

(b) jekk it-tribunal ikun sodisfatt mill-ħtieġa jew mill-esped-jenza li jkollu d-dokument quddiemu: iżda, it-Tribunal jista' meta jiddeċiedi li fuq l-ispejjeż tal-kawża, iqis il-produzzjoni tardiva tad-dokument; jew

(c) jekk il-parti opposta, b'nota separata jew b'annotazzjoni fil-marġini jew fit-tarf tan-nota li biha ġie prodott id-dokument, tagħti l-kunsens tagħha; jew

(d) jekk jiġi pruvat li l-parti li tipproduċi d-dokument, ma kenitx taf bih, jew ma setgħatx, bil-mezzi provduti bil-liġi, tippro-duċih fiż-żmien xieraq; jew

(e) jekk id-dokument li għandu jiġi prodott ikun ktieb jew karta oħra fl-oriġinali li kopji tagħhom jew estratti minnhom, dwar il-kwistjoni, kienu prodotti fi żmien xieraq.